# Il-lampi tal-pitrolju li kienu jdawlu t-toroq f'Ta' Kerċem u f'Santa Luċija fl-imgħoddi

**Minn Michael Grima**

*"...kull fl-għaxija,
dlonk tixxabbat mas-sellum,
u ġo qalbi
tixgħel naqra ta' fanal"*

*mill-poeżija "Il-Kebbies tal-Fanali" ta' Anton Buttigieg*



Fis-snin bikrin qatigħ, fil-ħinijiet ta' wara nżul ix-xemx sa kmieni filgħodu, it-toroq tagħna, kif wieħed kien jistenna, kienu jinsabu fi dlam magħqud, swied li fih ma tarax, anqas biss pass bogħod. Għaldaqstant niesna l-antiki kienu b'xi mod isibu l-mezzi biex ikunu jistgħu jaraw iterrqu fit-toroq mimlija torba u żrar. Ma kienx jonqos li xi bidwi Kerċmi jdendel mal-ġenb tal-karettun li jkun riekeb, xi lampa bi ftila mgħarrqa fiż-żejt u kmieni qabel jisbaħ jerħilha għal ġor-raba' jew biex jagħmel xi qadja oħra. Kien ikun hemm oħrajn li jagħmlu l-iskariġġi tagħhom fit-toroq mudlama bl-għajnuna ta' xi lampa tar-riħ mdendla ma' qaddhom. Permezz ta' lampa ta' din ix-xorta huma kienu jaraw jagħmlu pass lejn il-knisja għall-quddies tal-ewwel, biex jagħlfu xi bhejjem f'razzett fil-qrib jew saħansitra biex jakkumpanjaw lil xi ħabib jew qarib tagħhom lejn l-isptar tal-Ibraġġ, Victoria, biex dan tal-aħħar ikun jista' jaqdi dmirijietu bħala infermier jew ħidma oħra fil-ħinijiet ta' bil-lejl.

Mal-mogħdija taż-żmien u sewwa sew fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin il-Gvern kien beda jaħseb biex joħloq sistemi ta' dawl fit-toroq u b'hekk ikun igħin lill-poplu Għawdxi jtaffi xi ftit mid-dieqa tal-iljieli twal xitwin jew inkella biex jiggwidah aħjar fit-traġitti li jkollu jagħmel fit-toroq tagħna b' inqas perikli.

Fl-1905 il-Gvern, permezz tal-Assistent Segretarju tal-Gvern f'Għawdex is-sur Edward Casolani, intriga lil ċertu Ġużeppi Attard, negozjant mir-Rabat, Għawdex biex jieħu ħsieb jixgħel it-toroq kollha f'Għawdex b'lampi tal-pitrolju u dan b'effett mis-16 ta' Marzu tas-sena li semmejna sal-15 ta' Marzu tal-1906. L-ammont ta' lampi f'Kerċem li twaħħlu mill-Gvern f'diversi inħawi fit-toroq tagħna kienu, f'dik is-sena, jammontaw għal 18-il waħda, filwaqt li f'Santa Luċija kien hemm 3. Imbagħad is-sur Ġużeppi Attard kellu jsib hu n-nies minn Kerċem biex igħinuh iwettaq dmirijietu, jiġifieri ix-xegħil tal-lampi.

Huwa ta' interess partikulari li n-negozjant Attard, waqt li kellu jwettaq dan il-kompitu, kien ikun marbut b' diversi kundizzjonijiet. L-ewwelnett meta jiffirma l-ftehim mal-Gvern biex jagħmel dan ix-xogħol kellu jiddepożita mar-Riċevitur Ġenerali tal-Gvern is-somma ta' £20 biex tagħmel tajjeb għall-penalitajiet li jista' jeħel meta jikser xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-ftehim. Mill-banda l-oħra l-ħlas li kellu jieħu kien ta' xelin u għaxar soldi għal kull lampa li jixgħel kull xahar.

Dawn il-lampi kien ikollhom il-ftejjel tagħhom imxappa fil-pitrolju

u jkunu milqugħa mir-riħ, minn tubu tal-ħġieġ, li fih ikollu toqba irqiqa. Ta' min isemmi hawnhekk li l-ftejjel u l-pitrolju li kien jipprovdi s-sur Attard riedu jkunu ta' kwalita' tajba u approvati mis-Supretendent tax-Xogħlijiet Pubbliċi kif kien imsejjaħ dak iż-żmien.

Apparti dan, il-lanterni, l-lampi, t-tubi u l-kolonni tagħhom kienu jridu jinżammu nodfa waqt li l-ftejjel mirquma, bix-xtur maqtugħa. Il-ħġieġ tal-lanterni jew tal-lampi li jinkiser kif ukoll xi ħsarat li jsiru fil-kbis jew qbid tal-ftila jridu jissewwew jew jiġu mibdula u l-ispejjeż jitħallsu min-negozjant Attard nnifsu, waqt li ma jingħata ebda forma ta' kumpens.



Il-lampi f'kull triq kien meħtieġ li jinxtegħlu nofs siegħa qabel l-"Ave Maria" filwaqt li t-tifi tagħhom isir siegħa qabel tlugħ ix-xemx fis-sajf u nofs siegħa qabel tlugħ ix-xemx fix-xitwa, bil-ħinijiet jinbidlu biss fuq l-ordni tal-Pulizija. Il-Pulizija li jkun għassa f'Kerċem kien ikollu jkun mgħarraf bl-isem u l-laqam tal-kebbies li se jieħu ħsieb jixgħel il-lampi tal-pitrolju fir-raħal tagħna.

In-numru ta' lampi fit-toroq tagħna ma setax jiżdied b'iktar minn 20 fil-mija jew jonqos b'inqas minn 30 fil-mija. Jekk fil-perijodu li semmejna il-Gvern jiddeċiedi li jżid in-numru ta' lampi, l-kuntrattur Attard ma kien ikun intitolat għall-ebda żieda fil-ħlas għal kull lampa żejda li jixgħel.

Il-penalitajiet li seta' jeħel il-kuntrattur minħabba xi nuqqasijiet min-naħa tiegħu kienu diversi. Fost oħrajn huwa kien jeħel xelin għal kull lampa li jonqos li jixgħel għas-sodisfazzjon sħiħ tal-pulizija jew tas-Supretendent tax-Xogħlijiet Pubbliċi. L-istess Kuntrattur kien jeħel il-penali ta' ħames xelini jekk jerġa' ma jixgħelx xi lampa li jkun naqas li jixgħel fil-lejl ta' qabel meta kien ikun mitlub jagħmel dan mill-pulizija. Apparti dan il-kuntrattur kien ikollu jħallas £20 jekk kien jonqos li jonora l-kuntratt li jintrabat bih għall-perijodu ta' sena.

Jekk fl-1906 in-numru ta' lampi f' Ta' Kerċem u f'Santa Luċija kien dak ta' 18 u 3 rispettivament, insibu li fl-1908 in-numru ta' lampi fit-toroq tagħna kien hekk: f'Ta' Kerċem kien hemm 17 filwaqt li f'Santa Luċija baqa' dak ta' 3. Fl-1910, filwaqt li l-kuntrattur il-ġdid li tqabbad mill-Gvern biex jixgħel il-lampi kien is-sur Ġużeppi Mizzi mir-Rabat, Għawdex, li ntrabat bi ftehim mal-Gvern quddiem l-Assistent Segretarju tal-Gvern f'Għawdex William Charles Millard, l-għadd ta' lampi f' Ta' Kerċem niżel għal 16 u dak f'Santa Luċija baqa' l-istess jiġifieri 3.

Fis-sena 1925 il-Gvern qabbad lis-sur Ġużepp Spiteri, negozjant mix-Xewkija bħala l-imgħallem l-ġdid għat-tikbis tal-lampi. F'dik is-sena in-numru ta' lampi f' Ta' Kerċem u f'Santa Luċija kien dak ta' 19. Apparti dan, f'din is-sena, il-Gvern kien fassal skeda ta' ħinijiet matul ix-xhur kollha tas-sena li fiha kienet turi l-ħinijiet eżatti li għandhom jinxtegħlu l-lampi u sa liema ħin dawn l-istess lampi kellhom jibqgħu mixgħula.

Disa' snin wara insibu li kien jeżisti xi tibdil fil-kundizzjonijiet li bih kellu jintrabat bihom is-sur Ġużepp Grech Attard mir-Rabat, Għawdex waqt li ftiehem bil-miktub mal-Gvern biex jixgħel il-lampi. Fost dawn insibu li hu kellu jħallas il-penali ta' żewġ xelini għal kull lampa li hu jonqos li jixgħel u ħames xelini meta ma jixgħelx il-lampi fuq xi ordni tal-pulizija. L-ammont ta' lampi li l-kebbies kellu jixgħel f'Ta' Kerċem u f'Santa Luċija flimkien, fis-sena 1934, kien issa tela' għal 41.

Fl-1939, is-sur Paolo Mizzi kien inkarigat bħala l-kuntrattur l-ġdid biex jixgħel il-lampi tal-pitrolju fit-toroq Għawdxin. Is-sur Mizzi ntrabat permezz ta' ftehim mal-Gvern quddiem il-Kummissarju għal Għawdex Ġużeppi Maria Borg Cardona, li jaqdi dan id-dover għall-perijodu ta' bejn is-16 ta' Marzu 1939 u l-15 ta' Marzu 1940, sakemm faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija. F'dan iż-żmien in-numru ta' lampi f'Ta' Kerċem u f'Santa Luċija flimkien kien dak ta' 48.

L-offerta għax-xegħil tal-lampi tal-pitrolju f'Ta' Kerċem u f'Santa Luċija waħidhom, mill-10 ta' Mejju 1952 sal-15 ta' Marzu 1953, ntrebħet mis-sur Ġanni Gauci, residenti f'Santa Luċija, Ta' Kerċem, bin il-mejjet Pawlu u fiż-żwieġ ma' Karmena imwielda Sultana. Il-ħlas għal kull lampa li jixgħel is-sur Gauci kien dak ta' tlieta u tmienja minn tnax-il sold (3¾ pence). Ta' min igħid ukoll li f'dik is-sena l-lampi tal-pitrolju f'Ta' Kerċem u f'Santa Luċija flimkien, kienu jgħoddu 58. L-istess Ġanni Gauci kien responsabbli mill-kbis tal-lampi sentejn wara, jiġifieri bejn is-16 ta' Marzu 1955 u l-15 ta' Marzu 1956. F'dan il-perijodu l-għadd ta' lampi f'Ta' Kerċem u f'Santa Luċija kien naqas għal 56.

Tagħrif interessanti ieħor huwa dak li fil-perijodu ta' bejn l-10 ta' Mejju 1952 u l-15 ta' Marzu 1953, il-persuna li kienet fdata fix-xegħil tal-lampi fil-bqija tal-irħula f'Għawdex flimkien ma' Ta' Għammar fl-Għasri u l-Qbajjar f'Marsalforn u fit-toroq ta' Kemmuna kien is-sur Carmelo Grech, imlaqqam Ta' Manini, negozjant bin Ġużepp u martu l-mejta Dolora mwielda Saliba, mwieled u residenti f'Ta' Kerċem, filwaqt li l-garanti f'dan il-kuntratt kien Ġużepp Grech, negozjant, bin il-mejjet Carmelo u martu Dolora mwielda Bugeja, mwieled Victoria u residenti f'Ta' Kerċem.

Fis-snin 60, it-toroq f'Ta' Kerċem u Santa Luċija baqgħu ikomplu jinxtegħlu bil-lampi tal-pitrolju. Insibu li fl-1961 in-numru ta' lampi kien dak ta' 33, filwaqt li fis-sena ta' wara, l-ammont ta' lampi niżel għal 31.

Fost il-kebbiesa tal-lampi tal-pitrolju f'Ta' Kerċem u f'Santa Luċija fi żminijiet diversi nsibu lil Feliċ Borg, imlaqqam tal-Pe, Dwardu Gauci mlaqqam Ta' Mejnek, bin Ġanni Gauci li kien rebaħ l-offerta għax-xegħil tal-lampi tal-pitrolju f'Ta' Kerċem u f'Santa Luċija waħidhom, mill-10 ta' Mejju 1952 sal-15 ta' Marzu 1953 u mis-16 ta' Marzu 1955 sal-15 ta' Marzu 1956 u Ġorġ Camilleri mlaqqam tal-Mannar. Xħin isirilhom il-ħin, uħud mill-persuni li semmejna kienu joħorġu b'rota (bicycle) bis-sellum marbut mal-kanna l-minduda tagħha u permezz tas-sellum jitilgħu jixegħlu l-lampi waqt li b'biċċa ċarruta ratba huma kienu jnaddfu t-tubi tal-ħġieġ. Ma kienx jonqos ukoll li jġorru magħhom landa bi ftit pitrolju biex fejn ikun meħtieġ iroxxu dan il-likwidu fl-ilqugħ tal-lanterni. Sajf u Xitwa, bnazzi jew maltemp, sħana jew bard, filgħodu kienu jerġgħu jgħaddu biex jitfuhom.

TIME TABLE

For street lighting during the year 1925-26.

| Month | Period From | Period To | Time From | Time To | Remarks |
|---|---|---|---|---|---|
| April ... | 1st<br>16th | 15th<br>30th | 7.— p.m.<br>7.15 ,, | 5.15 a.m.<br>5.— ,, | |
| May ... | 1st<br>16th | 15th<br>31st | 7.15 ,,<br>7.30 ,, | 4.45 ,,<br>4.30 ,, | |
| June ... | 1st<br>16th | 15th<br>30th | 7.30 ,,<br>8.— ,, | 4.30 ,,<br>4.30 ,, | |
| July ... | 1st<br>16th | 15th<br>31st | 7.45 ,,<br>7.30 ,, | 4.30 ,,<br>4.45 ,, | |
| August ... | 1st<br>16th | 15th<br>31st | 7.30 ,,<br>7.15 ,, | 4.45 ,,<br>5.15 ,, | |
| September ... | 1st<br>16th | 15th<br>30th | 7.— ,,<br>6.30 ,, | 5.45 ,,<br>6.15 ,, | |
| October ... | 1st<br>16th | 15th<br>31st | 6.— ,,<br>5.30 ,, | 6.30 ,,<br>6.45 ,, | |
| November ... | 1st<br>16th | 15th<br>30th | 5.15 ,,<br>5.— ,, | 6.45 ,,<br>7.— ,, | |
| December ... | 1st<br>16th | 15th<br>31st | 5.— ,,<br>4.45 ,, | 7.— ,,<br>7.15 ,, | |
| January ... | 1st<br>16th | 15th<br>31st | 4.45 ,,<br>5.— ,, | 7.15 ,,<br>7.— ,, | |
| February ... | 1st<br>16th | 15th<br>28th | 5.30 ,,<br>5.45 ,, | 6.30 ,,<br>6.15 ,, | |
| March ... | 1st<br>16th | 15th<br>31st | 6.15 ,,<br>6.45 ,, | 6.— ,,<br>5.30 ,, | |



Biex jitfu l-lampi l-kebbiesa ma kellhomx bżonn jixxabbtu mas-sellum. Kienu jużaw qasba d-daqs tal-kolonna tal-ħadid li fuqha kienet titqiegħed il-lanterna bil-lampa fiha. F'wieħed mit-truf ta' din il-qasba kienet titwaħħal biċċa ram mgħawġa kemmxejn u fit-tarf l-ieħor bużżieqa żgħira. Il-kebbies kien iressaq bil-mod



u bil-galbu t-tarf li fih kienet titwaħħal il-biċċa ram lejn it-toqba żgħira fit-tubu tal-ħġieġ. Meta jagħfas b' idejh il-bużżieqa, ir-riħ li kien joħroġ mit-tarf fejn hemm il-biċċa ram kien allura jitfi l-ilsien irqiq tan-nar fil-lampa mingħajr xkiel. Mhux l-ewwel darba li l-pulizija f'nofs ta' lejl kien imur iħabbat lil dak il-kebbies li jkun imissu jixgħel u jitfi il-lampi biex jerġa' jmur jixgħel dawk li ntfew bir-riħ!

Iktar ma bdew jitgerrbu s-snin iktar beda jsir titjib fil-qagħda ekonomika u soċjali ta' gżiritna. Dawn l-avvanzi wasslu biex f' Ta' Kerċem bħal f'kull raħal ieħor f'Għawdex, bdew ifeġġu l-ewwel sinjali tal-ħolqien ta' infrastruttura mportanti. Hekk li fis-snin 1952-53 u fl-1959 beda l-proċess biex jiddaħħal id-dawl elettriku f'Ta' Kerċem u f'Santa Luċija rispettivament.

Kollox ma' kollox kienu dawn il-lampi tal-pitrolju li bil-ftit dawl li kienu jitfgħu kienu jsaħħru l-atmosfera tat-toroq tagħna waqt li joffru xi ftit serħan il-moħħ għal niesna ta' dawk is-snin.

Riferenzi:


- Tagħrif dwar il-kbis tal-lampi tal-pitrolju miġbur mill-uffiċċju tal-ex Segretarjat tal-Gvern għal Għawdex u mill-uffiċċju tal-Arkivji Notarili, Victoria, Għawdex;
- Report on the working of Government Departments 1952-53 – Electricity Branch, Gozo – Article 29 – "Several low tension extensions were carried out in Xagħra, Kerċem and Nadur....."
- Gazzetta "Il-Berqa" tal-31 ta' Diċembru 1959 – 'Għawdex fis-sena 1959'.